MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2528/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Dr. Gino T. Abela u l-istess Dr. Gino T. Abela (ID161842M)**

**vs**

**John Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab li jigi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh San Giljan fl-4 ta' Settembru, 1999 bejn Citroen Harmony numru BAG-306 misjuqa mill-attur u Dacia numru CBB-835 misjuqa mill-konvenut, u li jigi kkundannat li jhallas in linea ta' danni seba' mija u ghaxar liri Maltin**

**u sitta u tletin centezmu (Lm710.36), lil Untours Insurance Agents noe u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) lil Dr, Gino T. Abela.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2000 u dik tat-12 ta' Dicembru, 2003, u l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Frar, 2004, fejn intqal illi qed jikkontesta t-talbiet attrici stante:**
**i. L-incident de quo sehh unikament tort tal-assikurat tas-socjeta` attrici cioe Dr. Gino T. Abela, u mhux tal-konvenut u dana minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Dr. Gino T. Abela.**
**ii. Illi jsegwi illi mhemmx danni x'jigu likwidati favor l-atturi.**
**iii. Illi ghaldaqstant il-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Ra l-eccezzjoni ulterjuri prezentata fit-12 ta' Frar, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**
**Ra l-verbal tal-24 ta' Marzu, 2004 li fih il-konvenut irtira l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Daniel Wright, Dr. Gino T. Abela, L-Ispettur Kevin Farrugia, John Bonello u Toni Mizzi. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet, fl-4 ta' Settembru, 1999, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBB-835 misjuqa mill konvenut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG-306 misjuqa mill-attur.**

**2. L-incidnet sehh f'St Andrews Road, San Giljan. Skond ir-road accident report Dok.MF1, l-attur kien stqarr li kien qed jistenna sakemm jghaddu il-karrozzi, meta l-konvenut habit fih. Il-konvenut stqarr li ghaddiet vettura u hu isswervja u dahal fl-attur.**
**3. L-attur fid-deposizzjoni tieghu xehed li kien qed isuq f'dik il-parti fejn illum hemm Bay Street, tiela biex jaqsam biex imur lejn ir-Regional Road. Waqaf peress li hemm jigu karozzi mill-lemin u ra lill-konvenut gej lejh. L-attur ghajjatlu biex jieqaf, pero` dan baqa' diehel fih. L-attur qabel mal-iskizz. L-attur jispjega li ma kienx hemm stop sign mit-triq li hareg minnha. Jghid ukoll li l-konvenut ma kienx qed ihares il-quddiem.**
**4. Il-konvenut xehed li kien telaq ir-Regional Road biex imur lejn San Giljan. Skond il-konvenut lill-vettura l-ohra ra biss mal-impatt. Huwa qabel mal-iskizz.**
**5. Jirrizulta li l-attur kellu danni fuq wara fuq in-naha tal-lemin, filwaqt li il-konvenut kellu danni fuq quddiem in-naha tal-lemin.**
**6. In vista ta' dak li ntqal u specjalment il-versjoni li taw il-partijiet a tempo vergine, kif ukoll l-iskizz Dok KF2, jirrizulta illi l-konvenut ma kienx qieghed attent ghat-traffiku li kien hemm, tant li kif jghid hu stess induna bl-attur mal-habta. Jidher illi l-attur kien qed jiprova jghati indikazzjoni lill-konvenut dwar il-prezensa tieghu. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghad-danni li bghatew l-atturi.**
**7. Id-danni jirrizultaw fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' seba' mija u ghaxar liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm710.36), u lil Dr. Gino T. Abela s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25), ilkoll bl-imghax legali dekkoribbli mid-9 ta' Jannar, 2004.**
**L-ispejjez ta' din l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2000 u dik tat-12 ta' Dicembru,**

**2003, u l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, ghandhom jigu sapportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------